2026/2305

19.10.2026

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward il-kooperazzjoni fl-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom

L-UNJONI EWROPEA ("l-Unjoni"),

min-naħa waħda, u

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ ("ir-Renju Unit"),

min-naħa l-oħra,

imsejħa individwalment bħala "Parti" jew flimkien bħala "Partijiet",

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji ta' ħidma ma' sħab tal-istess fehma fuq kwistjonijiet ta' interess komuni,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ħtieġa ta' sħubija ekonomika bbilanċjata msejsa fuq kompetizzjoni effettiva fis-swieq rispettivi,

WAQT LI JINNUTAW li l-Partijiet jikkondividu l-opinjoni li l-infurzar tajjeb u effettiv tal-liġijiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom huwa kwistjoni ta' importanza biex is-swieq rispettivi tagħhom jaħdmu b'mod effiċjenti u għall-kummerċ ta' bejniethom,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li dan il-Ftehim jinkwadra l-kooperazzjoni eżistenti, bil-ħsieb li jsaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tal-Unjoni u r-Renju Unit,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, inkluża l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, jistgħu jikkontribwixxu għall-infurzar tajjeb u effettiv tal-liġijiet tal-kompetizzjoni ta' kull waħda mill-Partijiet,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-unika informazzjoni li tista' tiġi kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni u l-awtorità tal-kompetizzjoni tar-Renju Unit hija biss informazzjoni li tinkiseb permezz tal-mezzi ta' investigazzjoni tagħhom stess,

WARA LI KKUNSIDRAW l-Artikolu 361(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tat-30 ta' Diċembru 2020 (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), li jiddikjara li l-Partijiet jistgħu jidħlu fi ftehim separat dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li dan il-Ftehim huwa ftehim supplimentari għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

WARA LI KKUNSIDRAW id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1772 tat-28 ta' Ġunju 2021 skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata ta' data personali mir-Renju Unit, u l-Iskeda 21 tal-Data Protection Act 2018, kif imdaħħla mid-Data Protection, Privacy and Electronic Communications (Amendments etc) (EU Exit) Regulations 2019 tar-Renju Unit, li jirrigwarda l-protezzjoni adegwata tad-data personali mill-Unjoni,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni stabbilit b'dan il-Ftehim li jippermetti l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u tar-Renju Unit, min-naħa l-oħra, huwa maħsub li jkun eżawrjenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jippromwovi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u tar-Renju Unit, min-naħa l-oħra, b'mod li jsaħħaħ l-infurzar effettiv tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u tar-Renju Unit.

Artikolu 2

Definizzjonijiet u interpretazzjoni relatata

1. F'dan il-Ftehim:

a. "awtoritajiet tal-kompetizzjoni" jew, skont il-każ, "awtorità tal-kompetizzjoni", tfisser, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3,

(i) min-naħa waħda, għall-Unjoni, skont kif jitlob il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea, awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni waħda jew aktar tal-Istati Membri tal-Unjoni elenkati fl-Anness ta' dan il-Ftehim, jew waħda jew aktar minnhom flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, sa fejn dawn jeżerċitaw funzjonijiet skont il-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, u

(ii) min-naħa l-oħra, għar-Renju Unit, il-Competition and Markets Authority, sa fejn teżerċita funzjonijiet konformi mal-liġijiet tal-kompetizzjoni tar-Renju Unit,

b. "liġijiet tal-kompetizzjoni" tfisser, skont kif jitlob il-kuntest,

(i) għall-Unjoni, wieħed jew aktar mill-Artikoli 101, 102 u 106 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi, u r-regolamenti ta' implimentazzjoni tagħhom, inkluż kwalunkwe emenda jew sostituzzjoni eżistenti jew sussegwenti ta' kwalunkwe oġġett elenkat f'dan is-subparagrafu b. (i), u

(ii) għar-Renju Unit, wieħed jew aktar minn fost:

i. il-Competition Act 1998 (il-Kapitolu 41);

ii. il-Parti 3 (Fużjonijiet) tal-Enterprise Act 2002 (il-Kapitolu 40) bl-esklużjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dik il-Parti sa fejn dawn ikunu relatati mal-aspetti tal-interess pubbliku ta' investigazzjoni dwar fużjoni li tkun soġġetta għal intervent għal raġunijiet ta' interess pubbliku jew għall-Kapitolu 3A ta' dik il-Parti (Fużjonijiet li jinvolvu intrapriżi tal-gazzetti u potenzi barranin);

iii. il-Parti 4 (Studji tas-Suq u Investigazzjonijiet tas-Suq) tal-Enterprise Act 2002 bl-esklużjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dik il-Parti sa fejn dawn ikunu relatati mal-aspetti tal-interess pubbliku ta' referenza tal-investigazzjoni tas-suq jew ta' referenza possibbli tal-investigazzjoni tas-suq li tkun soġġetta għal intervent għal raġunijiet ta' interess pubbliku;

iv. il-parti 6 (Reat ta' kartell) tal-Enterprise Act 2002;

v. it-taqsimiet 9A sa 9E tal-Company Directors Disqualification Act 1986 (il-Kapitolu 46);

vi. l-Artikoli 13A sa 13E tal-Company Directors Disqualification (Northern Ireland) Order 2002 (S.I. 2002/3150 (N.I. 4)); kif ukoll

vii. kwalunkwe leġiżlazzjoni subordinata magħmula skont id-dispożizzjonijiet elenkati f'i sa vi,

inkluż kwalunkwe emenda eżistenti jew sussegwenti għal dawk il-liġijiet jew regolamenti jew sostituzzjonijiet tagħhom,

c. għall-Unjoni, "liġi domestika" tfisser il-liġi u r-regolamentazzjoni kollha, inkluża l-ġurisprudenza, tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha,

d. "attivitajiet ta' infurzar" tfisser kwalunkwe applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni permezz ta' investigazzjoni jew proċedimenti li jitmexxew minn awtorità tal-kompetizzjoni.

2. Meta awtorità tal-kompetizzjoni tbiddel isimha, jew il-funzjonijiet ta' awtorità tal-kompetizzjoni jingħataw lil awtorità oħra, ir-referenza għal dik l-awtorità tal-kompetizzjoni f'dan il-Ftehim għandha tiġi ttrattata bħala referenza għall-awtorità bl-isem il-ġdid tagħha jew għall-awtorità suċċessur, sa fejn l-awtorità b'isem ġdid jew l-awtorità suċċessur (skont il-każ) tkompli teżerċita, jew teżerċita, funzjonijiet konformi mal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Parti rilevanti.

3. Dan il-Ftehim japplika għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni taż-żewġ Partijiet u mhuwiex maħsub biex japplika, 'il barra minn dak il-kuntest, għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' Parti waħda biss. Ir-referenzi f'dan il-Ftehim għall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jkollhom negozjati bejniethom jew għall-kooperazzjoni jew il-koordinazzjoni tagħhom ma' awtoritajiet oħra tal-kompetizzjoni skont dan il-Ftehim għandhom jiġu interpretati skont dan.

Artikolu 3

Notifiki

1. Jekk awtorità tal-kompetizzjoni tqis li xi waħda mill-attivitajiet ta' infurzar tagħha x'aktarx taffettwa l-interessi importanti tal-Parti l-oħra, hija għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kkonċernati l-oħrajn b'dik l-attività ta' infurzar.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir minnufih wara l-ewwel pubblikazzjoni ta' pass investigattiv fl-attività ta' infurzar rilevanti.

Artikolu 4

Koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' infurzar

1. Jekk l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jaħdmu jew ikollhom il-ħsieb li jaħdmu fuq l-istess attivitajiet ta' infurzar jew attivitajiet relatati magħhom, huma jistgħu jaqblu li l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' infurzar tagħhom, inkluż fir-rigward tal-għoti volontarju ta' informazzjoni minn impriżi jew persuni fiżiċi, tkun fl-interess reċiproku tagħhom.

2. Fi kwalunkwe ħin, awtorità tal-kompetizzjoni li tkun involuta f'koordinazzjoni bħal din tista' tinforma lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni involuti l-oħra li tkun biħsiebha tillimita jew ittemm il-koordinazzjoni u taħdem fuq l-attivitajiet ta' infurzar tagħha b'mod indipendenti u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn li jinsabu f'dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Korteżija negattiva

1. Fil-qafas tal-liġi domestika applikabbli għalihom u sa fejn ikun kompatibbli mal-interessi importanti tagħhom stess, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni għandhom iqisu bir-reqqa l-interessi importanti ta' xulxin matul il-fażijiet kollha tal-attivitajiet ta' infurzar tagħhom.

2. Jekk ikun jidher li l-attivitajiet ta' infurzar ta' awtorità tal-kompetizzjoni jkunu jistgħu jaffettwaw l-interessi importanti ta' kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni l-oħrajn b'mod negattiv, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kkonċernati għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex jaslu għal akkomodazzjoni xierqa għall-interessi importanti ta' xulxin.

Artikolu 6

Kondiviżjoni ta' informazzjoni

1. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jistgħu jikkondividu informazzjoni bejniethom sa fejn il-kondiviżjoni ta' dik l-informazzjoni tkun legali skont il-liġi domestika applikabbli, inkluż dik dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data.

2. Jekk żewġ awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew aktar ikunu qed taħdem fuq attivitajiet ta' infurzar li jikkonċernaw l-istess suġġett jew kwistjonijiet relatati, jew kwistjonijiet ta' interess komuni, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kkonċernati għandhom, fuq talba ta' kwalunkwe waħda minnhom, jikkunsidraw li jistaqsu, sa fejn ikun possibbli u konsistenti mal-interessi importanti tagħhom u d-disponibbiltà raġonevoli tar-riżorsi, jekk persuni ġuridiċi jew fiżiċi identifikabbli li jkunu taw informazzjoni kunfidenzjali b'rabta ma' dawk l-attivitajiet ta' infurzar jaqblux bil-miktub għall-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kkonċernati. Ma huwiex neċessarju li l-awtorità tal-kompetizzjoni titlob dan il-kunsens sa fejn il-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni mingħajr kunsens tkun permessa mil-liġi nazzjonali li tapplika.

3. Kwalunkwe informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim u l-fatt li tkun intbagħtet, ġiet riċevuta jew imwieġba talba għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, kif ukoll l-eżistenza ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim, tista' tiġi ddivulgata fost l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni sa fejn tali divulgazzjoni tkun legali skont il-liġi domestika li tapplika għalihom. Il-Kummissjoni Ewropea tista' wkoll tiddivulga informazzjoni li tintbagħat mill-awtorità tal-kompetizzjoni tar-Renju Unit, skont dan il-Ftehim, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'segwitu għall-obbligi tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikoli 6 u 7 tal-Protokoll 23 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Marzu 1992 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza.

4. L-informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim ma tistax tiġi ddivulgata ulterjorment lil awtoritajiet domestiċi oħra jew lil awtoritajiet tal-liġi tal-kompetizzjoni ta' pajjiżi terzi ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti l-ewwel darba dwar id-divulgazzjoni tal-informazzjoni kkonċernata lill-awtorità speċifika kkonċernata. L-ebda informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim ma tista' tiġi ddivulgata ulterjorment lil awtorità f'pajjiż terz li ma jkunx awtorità tal-liġi tal-kompetizzjoni.

5. L-ebda awtorità tal-kompetizzjoni ma hija obbligata tikkondividi informazzjoni skont dan il-Ftehim. Soġġett għal-liġi domestika applikabbli, kull awtorità tal-kompetizzjoni jibqa' jkollha diskrezzjoni fl-għażla ta' kwalunkwe informazzjoni li għandha tiġi kondiviża.

6. Id-data personali tkun tista' tiġi ttrasferita skont dan il-Ftehim mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni trażmittenti u riċeventi biss għal finijiet kompatibbli mal-finijiet li għalihom id-data personali inġabret inizjalment.

Artikolu 7

Użu ta' informazzjoni kondiviża

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4), l-informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim ma għandhiex tintuża għajr għall-finijiet tal-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni. L-informazzjoni, għajr l-informazzjoni disponibbli pubblikament, li tiġi divulgata lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikolu 6(3) ma għandha tintuża għal ebda skop ieħor għajr dak tal-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jistgħu, bil-kunsens tal-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti, jużaw l-informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim għal finijiet oħra għajr l-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni jekk dak l-użu jkun f'konformità mat-termini ta' dak il-kunsens.

3. L-informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim tista' tintuża bħala evidenza mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni riċeventi dment li tintuża biss għall-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni fir-rigward tas-suġġett li għalih dik l-informazzjoni tkun inkisbet inizjalment mill-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti.

4. L-informazzjoni trażmessa skont dan il-Ftehim tista' tintuża bħala evidenza dment li tintuża biex jiġu imposti sanzjonijiet fuq persuni fiżiċi biss jekk:

(a) il-liġi applikabbli għall-awtorità tal-kompetizzjoni li tkun kisbet l-informazzjoni inizjalment tipprevedi sanzjonijiet ta' natura simili fir-rigward ta' ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni,

jew, fin-nuqqas ta' sanzjonijiet bħal dawn,

(b) l-informazzjoni kkonċernata tkun inkisbet inizjalement b'mod li jirrispetta l-istess livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża ta' persuni fiżiċi bħal dak previst skont ir-regoli tal-awtorità riċeventi, dment li l-informazzjoni kkonċernata ma tintużax mill-awtorità riċeventi biex timponi sanzjonijiet ta' kustodja.

5. L-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti tista' tispeċifika t-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-informazzjoni trażmessa. L-awtorità tal-kompetizzjoni riċeventi ma għandhiex tuża tali informazzjoni b'mod li jmur kontra dawn it-termini u l-kundizzjonijiet mingħajr il-kunsens espliċitu bil-miktub minn qabel tal-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

1. L-awtorità tal-kompetizzjoni għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni mhux pubblika li tiġi kondiviża skont dan il-Ftehim, inkluż, sakemm l-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti ma taqbilx mod ieħor, l-eżistenza ta' talba għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

2. Jekk id-divulgazzjoni tintalab jew tkun meħtieġa skont il-liġi domestika applikabbli għal awtorità tal-kompetizzjoni li tirċievi informazzjoni trażmessa skont dan il-Ftehim, dik l-awtorità tal-kompetizzjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti u, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' din tal-aħħar, tieħu miżuri biex tirrestrinġi kwalunkwe divulgazzjoni ta' informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim għal dak li huwa meħtieġ biex tikkonforma mal-liġi domestika applikabbli, biex tiżgura li l-kunfidenzjalità tibqa' protetta sa fejn ikun possibbli skont dik il-liġi domestika.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma jipprevjeni d-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni jekk dik l-informazzjoni tkun diġà ġiet divulgata lill-pubbliku f'ċirkostanzi li ma jmorrux kontra dan il-Ftehim.

Artikolu 9

Użu jew divulgazzjoni aċċidentali

Jekk l-awtorità tal-kompetizzjoni li tirċievi informazzjoni kondiviża skont dan il-Ftehim issir taf li dik l-informazzjoni tkun intużat jew ġiet divulgata aċċidentalment b'mod li jikser dan il-Ftehim, hija għandha tinforma lill-awtorità tal-kompetizzjoni trażmittenti minnufih. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni involuti fil-kondiviżjoni ta' dik l-informazzjoni għandhom jikkonsultaw minnufih dwar passi xierqa biex jimminimizzaw kwalunkwe ħsara li tirriżulta minn tali użu jew divulgazzjoni, filwaqt li jqisu r-riskju speċifiku għall-impriżi jew għall-persuni fiżiċi kkonċernati u n-natura ta' dak ir-riskju.

Artikolu 10

Djalogu dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mal-funzjonament tal-Ftehim

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità tal-Kompetizzjoni u s-Swieq jistgħu jidħlu fi djalogu ma' xulxin biex jiddiskutu kwistjonijiet tekniċi relatati mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni Ewropea tista' testendi kwalunkwe djalogu bħal dan għal waħda jew aktar mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni elenkati fl-Anness.

Artikolu 11

Rieżami

Mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jibdew rieżami konġunt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim bl-għan li jkomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni ta' bejniethom fl-applikazzjoni tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni tagħhom.

Artikolu 12

Liġi eżistenti

L-ebda parti minn dan il-Ftehim ma għandha tirrikjedi bidla fil-liġi domestika eżistenti, jew tirrikjedi li awtorità tal-kompetizzjoni tieħu kwalunkwe azzjoni li tkun inkonsistenti mal-liġi domestika eżistenti, jew tipprevjeni awtorità tal-kompetizzjoni milli tieħu kwalunkwe azzjoni stipulata fil-liġi domestika eżistenti.

Artikolu 13

Komunikazzjonijiet skont dan il-Ftehim

1. Il-komunikazzjonijiet skont dan il-Ftehim jistgħu jsiru b'mezzi sempliċi, bħall-posta elettronika, sakemm l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kkonċernati ma jaqblux mod ieħor wara li jikkunsidraw, b'mod partikolari, il-possibbiltà li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni jkun hemm bżonn li ssir permezz ta' mezzi aktar siguri.

2. Kwalunkwe talba għal rieżami skont l-Artikolu 11 għandha ssir bil-miktub permezz tal-mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet finali

1. Kull Parti għandha tapprova dan il-Ftehim f'konformità mal-proċeduri tagħha stess. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra meta ttemm il-proċeduri rispettivi.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu tkun saret l-aħħar notifika prevista fil-paragrafu 1.

3. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sa 60 jum wara d-data li fiha waħda mill-Partijiet tkun innotifikat lill-Parti l-oħra bil-miktub li tixtieq li ttemm dan il-Ftehim.

4. Dan il-Ftehim mhuwiex soġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim skont it-Titolu I tas-Sitt Parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

5. Skont l-Artikolu 779 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, dan il-Ftehim għandu jintemm mat-tmiem tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

6. Wara t-terminazzjoni, l-informazzjoni kollha kondiviża skont dan il-Ftehim għandha tibqa' protetta f'konformità mal-protezzjoni u s-salvagwardji stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 9.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, Taljana u Ungeriża, b'kull test ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на двадесет и пети февруари две хиляди двадесет и шеста година.

Hecho en Bruselas, el veinticinco de febrero de dos mil veintiséis.

V Bruselu dne dvacátého pátého února dva tisíce dvacet šest.

Udfærdiget i Bruxelles den femogtyvende februar to tusind og seksogtyve.

Geschehen zu Brüssel am fünfundzwanzigsten Februar zweitausendsechsundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne kuuenda aasta veebruarikuu kahekümne viiendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι πέντε Φεβρουαρίου δύο χιλιάδες είκοσι έξι.

Done at Brussels on the twenty-fifth day of February in the year two thousand and twenty-six.

Fait à Bruxelles, le vingt-cinq février deux mille vingt-six.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an cúigiú lá is fiche de Feabhra sa bhliain dhá mhíle fiche a sé.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadeset petog veljače godine dvije tisuće dvadeset šeste.

Fatto a Bruxelles, addì venticinque febbraio duemilaventisei.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit sestā gada divdesmit piektajā februārī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt šeštų metų vasario dvidešimt penktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonhatodik év február havának huszonötödik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħamsa u għoxrin jum ta' Frar fis-sena elfejn u sitta u għoxrin.

Gedaan te Brussel, vijfentwintig februari tweeduizend zesentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego piątego lutego roku dwa tysiące dwudziestego szóstego.

Feito em Bruxelas, em vinte e cinco de fevereiro de dois mil e vinte e seis.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci și cinci februarie două mii douăzeci și șase.

V Bruseli dvadsiateho piateho februára dvetisícdvadsaťšesť.

V Bruslju, petindvajsetega februarja dva tisoč šestindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäviidentenä päivänä helmikuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkuusi.

Som skedde i Bryssel den tjugofemte februari år tjugohundratjugosex.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαική Ενωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Обединеното Кралство Великобритания и Северна Ирландия
Por el Reino Unido de Gran Bretaña e Irlanda del Norte
Za Spojené království Velké Británie a Severního Irska
For Det Forenede Kongerige Storbritannien og Nordirland
Für das Vereinigte Königreich Grossbritannien und Nordirland
Suurbritannia ja Põhja-Iiri Ühendkuningriigi nimel
Για το Ηνωμένο Βασίλειο της Μεγάλης Βρετάνιας και της Βόρειας Ιρλανδίας
For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland
Pour le Royaume-Uni de Grande-Bretagne et d'Irlande du Nord
Thar ceann Ríocht Aontaithe na Breataine Móire agus Tuaisceart Éireann
Za Ujedinjenu Kraljevinu Velike Britanije i Sjeverne Irske
Per il Regno Unito di Gran Bretagna e Irlanda del Nord
Lielbritānijas un Ziemeļīrijas Apvienotās Karalistes vārdā –
Jungtinės Didžiosios Britanijos ir Šiaurės Airijos Karalystės vardu
Nagy-Britannia és Észak-Írország Egyesült Királysága részéről
Għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
Voor het Verenigd Koninkrijk van Groot-Brittannië en Noord-Ierland
W imieniu Zjednoczonego Królestwa Wielkiej Brytanii i Irlandii Północnej
Pelo Reino Unido da Grã-Bretanha e da Irlanda do Norte
Pentru Regatul Unit al Marii Britanii și Irlandei de Nord
Za Spojené kráľovstvo Veľkej Británie a Severného Írska
Za Združeno kraljestvo Velike Britanije in Severne Irske
Ison-Britannian ja Pohjois-Irlannin yhdistyneen kuningaskunnan puolesta
För Förenade konungariket Storbritannien och Nordirland

ANNESS

L-Istati Membri tal-Unjoni	L-Awtorità
Il-Belġju	L-Awtorità Belġjana għall-Kompetizzjoni *Belgische Mededingingsautoriteit/Autorité belge de la Concurrence*
Il-Bulgarija	Il-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni *Комисия за защита на конкуренцията*
Iċ-Ċekja	L-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni *Úřad pro ochranu hospodářské soutěže*
Id-Danimarka	L-Awtorità Daniża għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur *Konkurrence- og Forbrugerstyrelsen*
Il-Ġermanja	L-Awtorità Ġermaniża għall-Kompetizzjoni *Bundeskartellamt*
L-Estonja	L-Awtorità Estonjana għall-Kompetizzjoni *Konkurentsiamet*
L-Irlanda	Il-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur *Coimisiún um Iomaíocht agus Cosaint Tomhaltóirí*
Il-Greċja	Il-Kummissjoni Ellenika għall-Kompetizzjoni *Επιτροπή Ανταγωνισμού*
Spanja	Il-Kummissjoni Nazzjonali għas-Swieq u l-Kompetizzjoni *Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia*
Franza	L-Awtorità Franċiża għall-Kompetizzjoni *Autorité de la Concurrence*
Il-Kroazja	L-Aġenzija Kroata għall-Kompetizzjoni *Agencija za zašto tržišnog natjecanja*
L-Italja	L-Awtorità Taljana għall-Kompetizzjoni *Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato*
Ċipru	Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni *Επιτροπή Προστασίας του Ανταγωνισμού*
Il-Latvja	Il-Kunsill tal-Kompetizzjoni *Konkurences padome*

L-Istati Membri tal-Unjoni	L-Awtorità
Il-Litwanja	Il-Kunsill tal-Kompetizzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja *Lietuvos Respublikos konkurencijos taryba*
Il-Lussemburgu	L-Awtorità tal-Lussemburgu għall-Kompetizzjoni *Autorité de la Concurrence*
L-Ungerija	L-Awtorità Ungeriża għall-Kompetizzjoni *Gazdasági Versenyhivatal*
Malta	Malta Competition and Consumer Affairs Authority *L-Awtorita ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijet tal-Konsumatur*
In-Netherlands	L-Awtorità għall-Konsumaturi u s-Swieq *Autoriteit Consument en Markt*
L-Awstrija	L-Awtorità Awstrijaka għall-Kompetizzjoni *Bundeswettbewerbsbehörde*
Il-Polonja	L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur *Urzad Ochrony Konkurencji i Konsumentów*
Il-Portugall	L-Awtorità Portugiża għall-Kompetizzjoni *Autoridade da Concorrência*
Ir-Rumanija	Il-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni *Consiliul Concurenței*
Is-Slovenja	L-Aġenzija Slovena għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni *Javna Agencija Republike Slovenije za Varstvo Konkurence*
Is-Slovakkja	L-Uffiċċju Kontra l-Monopolju tar-Repubblika Slovakka *Protimonopolný úrad Slovenskej republiky*
Il-Finlandja	L-Awtorità Finlandiża għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur *Kilpailu- ja kuluttajavirasto*
L-Iżvezja	L-Awtorità Żvediża għall-Kompetizzjoni *Konkurrensverket*